MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2007

Numru. 659/2002

Illum, 1 ta’ Novembru, 2007

Il-Pulizija
(Supretendent Mario Bonello)

vs

Desmond Falzon

Il-Qorti,

Rat li l-imputat, Desmond Falzon, ta’ 43 sena iben Vincent u Carmela nee Triolo, imwieled Pieta fis-6 ta’ Marzu 1958

u joqghod Blackman Court, Flat 1, Triq Mimosa, Pieta jew 46 Joslin, Flat 2, Triq F. Tortell, Paola li ghandu karta tal-identita numru 215358(M), gie mressaq quddiemha akkuzat talli fl-10 ta' Awissu, 2002 ghall-habta tas-2.00 ta' wara nofsinhar fil-Hamrun volontarjament ghamel hsara fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ANT011 ta' ghamla Alfa Spider liema hsara teccedi il-hamsin lira Maltin (LM50) izda inqas minn hames mitt lira Maltin (LM500) ghad-detriment ta' Anton Baldacchino;

Aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied jew b'xi mod iehor;

Aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra Anton Baldacchino sabiex jingurjah, iddejjqu jew jaghmel hsara lil din il-pesuna;

Aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi hedded u insulenta bi kliem lil Anton Baldacchino;

Aktar talli fl-istess zmien, lok, hin u cirkostanzi qal kliem oxxen u dagha f'post pubbliku;

U aktar talli fl-istess zmien, lok, hin u cirkostanzi minghajr ma darab jew sawwat hedded b'oggett iebes lil Anton Baldacchino;

Il-Qorti hija mitluba li minbarra li tapplika il-piena skond il-ligi biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Anton Baldacchino torbot lil imsemmi Desmond Falzon b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti nkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 19 ta' Awissu, 2002 (*a folio* 14 tal-process) sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-8 ta' Marzu, 2005, l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi

trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident li nqala' fl-10 ta' Awissu 2002, ghall-habta tas-2.00pm, il-Hamrun bejn l-imputat u certu Anton Baldacchino. Dan tal-ahhar xehed fis-eduta tal-20 ta April 2006 fejn qal li fl-10 ta' Awissu 2002 ghall-habta tas-2.00pm huwa kien ghaddej mill-Hamrun meta l-imputat Desmond Falzon hareg mill-vettura tieghu u dahhal injama bil-ponta fis-saqaf tal-vetura tieghu, u cioe' ta' Baldacchino, u dan fin-naha tal-passiggier. Ix-xhud spjega li l-imputat huwa mizzewweg lill-ohtu u li precedentement huma kellhom xi jghidu. Dan ix-xhud qal li huwa ma kienx sewwa l-hsara fil-vettura tieghu stante li din kienet tammonta ghal il-fuq minn elf lira Maltin (Lm1,000.00) u huwa ma kellux flus sabiex isewwi. Huwa qal ukoll li jista' jkun li sar xi diskors dakinhar tal-incident izda specifika li huwa ma kienx sofra griehi. Huwa spjega wkoll li l-incident sehh fi ftit hin u huwa telaq minn fuq il-post u mar jaghmel rapport l-Ghassa.

L-imputat li xehed fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2007 wara li spjega li Anton Baldacchino u hu kienu diga kellhom xi jghidu precedentement fuq kwistjonijiet familjari, izda qal li huwa kien hafirlu, qal ukoll li dakinhar li sehh l-incident mertu ta' din il-kawza huwa kien ghaddej bil-vettura tieghu flimkien ma ibnu Keith minn hdejn il-Mile End u kien ser iwassal lit-tifel l-Isptar meta ra lil Anton Baldacchino fil-vettura tieghu li kienet parkeggjata u bil-quddiem taghha kontra l-flow tat-traffiku. L-imputat jghid li huwa ghadda minn hdejn il-vettura ta' Baldacchino u wara ftit ra l-vettura ta' Baldacchino quddiemu u dan ta' l-ahhar zamm brejk f'daqqa u ghalhekk anki l-imputat zamm brejk. Baldacchino rega' saq u rega' zamm brejk zewgt idrabi ohra u wara ftit saq u blokkja r-roundabout fis-sens li blokkja l-karreggjata tal-imputat b'mod tali li dan ma setax

ikompli jiprocedi fid-direzzjoni li kien sejjer fiha. L-imputat jghid li huwa ghalhekk waqaf u ra lil Baldacchino hiereg mill-vettura tieghu b'xi haga f'idejh. L-imputat jispjega li huwa ghalekk nehha n-nuccali u hareg mill-vettura u nizzel mieghu ghaslug li kien ghadu kemm xtara dakinhar stess u dan bl-isperanza li Baldacchino jibza. Fdan l-istadju Baldacchino rega' dahal fil-vettura tieghu u rriversja ghal fuq l-imputat. L-imputat jghid li malli Baldacchino waqaf huwa ta' daqqa bl-ghaslug fuq in-naha ta' wara tal-vettura ta' Baldacchino u nqasam l-ghaslug. Baldacchino dar bil-vettura tieghu u l-imputat mar fuq il-bankina u Baldacchino rega' mar ghal fuq l-imputat bil-parti ta' quddiem tal-vettura tieghu. L-imputat jispjega li huwa spicca fuq il-bonnet tal-vettura ta' Baldacchino u mbaghad mar hdejn il-vettura tieghu. Dejjem skond l-imputat Baldacchino rega' rriversja ghal fuqu u huwa maghad ghadda l-injama li kien ghad kellu f'idejh mis-saqaf tal-canvas tal-vetura ta' Baldacchino. F'dan l-istadju l-imputat jghid li Anton Baldacchino telaq minn fuq il-post. Ix-xhieda tal-imputat hija korroborata minn dik ta' ibnu Keith Falzon li kien passiggier fil-vettura tieghu dakinhar tal-incident.

Il-Qorti jidrilha li ghalkemm ix-xhieda tal-allegat vitma, u cioe' Anton Baldacchino, hija pjuttost xotta u skarsa, mix-xhieda tal-imputat stess jirrizultaw pruvati l-ewwel, it-tieni, it-tielet u s-sitt akkuza migjuba fil-konfronti tieghu. Mix-xhieda tal-imputat izda jirrizulta wkoll li huwa gie provokat mill-vittma stess qabel ma ghamel dak li effettivament ghamel Il-Qorti jidrilha li l-imputat prova sal-grad tal-probabbli, kif huwa tenut li jaghmel, li kien hemm provokazzjoni serja da parti ta' Anton Baldacchino u fil-fatt ix-xhieda tal-imputat hija korroborata mix-xhieda ta' Keith Falzon kif diga gie rilevat fil-paragrafu precedenti. Il-Qorti ghalhekk ser tiehu in konsiderazzjoni dan l-element ta' provokazzjoni meta ser titratta l-piena li ghandha tigi nflitta.

In kwantu jirrigwarda ir-raba' u l-hames akkuza dawn bl-ebda mod ma jista' jinghad li gew pruvati sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp kriminali u ghalhekk l-imputat ser jigi liberat minn dawn l-akkuzi.

Permezz tal-ewwel akkuza l-imputat gie akkuzat li kkaguna hsara volontarja ghad-detrmient ta’ Anton Baldacchino f-ammont li ma jeccedix il-hames mitt Lira Maltin (Lm500.00) izda li jeccedi il-mitt lira Maltin (Lm100.00). Mix-xhieda ta’ Anton Baldacchino u mid-dokument esebit *a folio* 30 tal-process jirrizulta li l-hsara effettivament kienet tammonta ghas-somma ta’ elf erba’ mija u u ghoxrin Lira Maltin u seba u hamsin centezmu (Lm1420.57) izda peress li l-imputat gie akkuzat li kkaguna hsara li ma teccedix il-hames mitt lira Maltin (Lm500.00) huwa ser jinstab hati taht dak li jiddisponi l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 u mhux taht dak li jiddisponi l-Artikolu 325 (1)(a).

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li mill-provi rrizulta b’mod car u skjett li l-imputat gie provokat serjament mill-vitma f’l-incident li jifforma l-mertu tal-kawza odjerna u ghalhekk il-Qorti jidrilha li m’ghandhiex tigi mposta piena karcerarja effettiva u li l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita’ sabiex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 325(1)(b), 338(dd), 339(b) u 339(d) tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta’ Malta tiddikjara lill-imputat hati ital-ewwel, it-tieni, it-tielet u s-sitt akkuza migjuba fil-konfrontit tieghu u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikommettiex reat iehor sa zmien sena (1) millum u tiddikjarah mhux hati tar-raba’ u l-hames akkza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------